# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 08/2019/09

**Data tal-laqgħa:** 11 ta' Diċembru, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17:35hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |
| Francesca Tabone | ***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*** |

## Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' familja, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 07

8.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 07 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Direttiva Numru 7/2019 dwar Risk Assessment tal-Playing Fields madwar Malta u Għawdex. Is-Sindku qal li din id-direttiva tistipula li jsir risk assessment fil-playing fields biex tiġi żgurata s-sigurtà f'dawn il-postijiet.

8.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din id-Direttiva u qablu li kull sena jibda jsir dan ir-Risk Assessment.

8.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm bżonn li jerġa' jsir Risk Assessment tal-binja tal-Kunsill. Dan għall-fatt li issa kienu għaddew sentejn minn meta sar l-aħħar u għaldaqstant kien hemm bżonn li ssir review.

8.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li dan ir-Risk Assessment Review jsir.

8.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva email mingħand in-Note Book Centre rigward proposta dwar Computer Servicing.

8.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-email u qablu li l-Kunsill ma kienx interessat f'din il-proposta.

8.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li resident bgħat email rigward l-art tal-barracks tas-suldati fejn issuġġerixxa biex din issir spazju pubbliku miftuħ.

8.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u ser ikunu qed jiddiskutuha mad-Dipartimenti konċernati.

8.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva email rigward talba biex isir *bus shelter* fi Triq San Pietru, eżatt qabel ma tidħol fil-mini ta' Hal Kirkop direzzjoni Valletta.

8.3.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u peress li din tinsab fi triq arterja, il-Kunsill ser ikun qed jibgħat kopja tal-email lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Transport Malta u Faces.

8.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li quddiem il-*bus shelter* tal-ġebel fi Triq San Pietru direzzjoni Valletta qed joqgħod ħafna ilma. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir biċċa perspex biex tilqa' x-xita u fl-istess ħin in-nies ikunu jistgħu jaraw tal-linja ġejja.

8.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li s-Sindku jara eżatt x'jista' jsir, tinġieb stima u imbgħad jerġgħu jiddiskutuha.

8.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kummissarju tat-Tfal kien wieġeb dwar l-email li kienet intbgħatet fir-rigward tal-proġett bejn it-tfal tal-iskejjel primarji ta' Ħal Kirkop u ta' Rousset.

8.3.7.1 Il-Kunsillier Cody Galea qal li hu kien tkellem mal-Kumitat Skolastiku tal-Istudenti u dawn kien mingħalihom li għaddej xi proġett ma' Rousset.

8.3.7.2 Il-Kunsilliera qalu li ma sabux kollaborazzjoni mill-Kap tal-Iskola u għaldaqstant dan il-proġett ma setgħax isir.

8.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Direttiva Nru. 4 mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward il-Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali.

8.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li rigward email li l-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Nofsinhar fejn Ambjent Malta kienu offrew li jitħawlu xi siġar.

8.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-email u ġie deċiż li tintalab laqgħa magħhom fejn nissuġġerixxu li jitħawlu siġar fi Triq Danny Cremona (fejn hemm in-niċċa tal-Madonna; fi Triq l-Industrija (fejn l-*observation area* tal-ajruplani) u fi Triq ir-Ramlija (fis-soft area fejn hemm il-*culvert* tal-ilma tax-xita).

8.3.9.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob laqgħa magħhom fejn ikun jista' jitkellem magħhom il-Viċi Sindku Joseph Schembri.

8.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand resident rigward Triq il-Kbira.

8.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza li ser tinżamm on hold biex tiġi diskussa ma' Infrastracture Malta meta jkun ser isir ix-xogħol tat-tarmak fi Triq il-Kbira.

8.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Direttiva Nru. 5 mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, liema direttiva hija Revoka ta' Direttiva Nru. 4 – Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali.

8.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva email rigward *internship* fil-Kunsill Lokali.

ĦAL KIRKOP

8.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li f'dan l-istadju jwieġbu li mhux interessati f'dan l-internship.

8.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-Ċirkulari Nru. *SPI*7/2019 dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni kienet ġiet approvata.

8.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Direttiva Nru. 6 mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, rigward *Procurement Plan*.

8.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-Ċirkulari Nru. *SPI SCI 14*/2019 dwar Skema Finanzjarja Favur il-Kommunità - *Community Inclusive Employment Scheme*, kienet ġiet approvata u konna qegħdin nistennew mingħand Jobs Plus biex jagħtuna lista ta' nies eleġibbli.

8.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba biex parti minn planter fi Triq Valletta isir bil-konkos minflok bil-ħamrija minħabba li kien hemm applikazzjoni ta' żvilupp.

8.3.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni minħabba li f'din l-*area* kien hemm il-ħsieb li l-planters jiġu rranġati biex ikun jista' jiżdied il-parking.

8.3.16.2 Għaldaqstant, il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lill-Perit jagħmel pjanti ta' din l-area kif diskuss.

8.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kappillan kien informa lir-residenti li kellu suġġeriment li d-Dar tas-Sorijiet f'Misraħ Hal Kirkop issir *Half Way House* bħala Rehabilitation Centre għall-Priġunieri.

8.3.17.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu unanimament li għandhom oġġezzjoni għal din il-proposta u ma jaqblux li d-Dar tas-Sorijiet issir *Half Way House*.

8.3.17.2 Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li tinħareġ stqarrija kif ġej –

*'Wara li l-Kappillan ta' Hal Kirkop informa lir-residenti, waqt l-avviżi tal-quddies, li d-Dar tas-Sorijiet f'Misraħ Hal Kirkop issir Half Way House bħal Rehabilitation Centre għall-Priġunieri, l-Kunsill iddiskuta din il-proposta waqt Seduta Nru. 08 li saret nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2019. Bi qbil unanimu tal-Kunsilliera kollha preżenti, il-Kunsill qed joħroġ din l-istqarrija.*

*Il-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop ma' għandu xejn kontra l-priġunieri u jaqbel perfettament li dawn għandu jkollhom din ix-xorta ta' postijiet biex ikollhom triq biex jerġgħu jidħlu lura fis-soċjetà wara li jkunu temmew is-sentenza tagħhom.*

*Biss jinsab imħasseb li l-post magħżul mhux l-aħjar għażla għall-fatt li din id-dar qegħda eżatt fil-qalba tar-raħal fejn hemm sorsi li jistgħu joffru tentazzjoni għal dawn il-persuni. Dan l-ambjent żgur ma jgħinx lil dawn il-persuni biex joħorġu lura fis-soċjeta' bil-mod li l-ħsieb ta' din id-dar qiegħed għalih.*

*Il-Kunsill Lokali jaqbel unanimament li din id-dar tibqa' għall-kommunità Koppija u lest li bir-rieda tal-partijiet kollha jiddiskuti proposti biex din id-dar tkun tista' tintuża mill-anzjani tagħna.*

*Din l-istqarrija ser tkun qed titressaq ukoll waqt il-laqgħa ta' konsultazzjoni msejħa mill-Kappillan tal-lokalità, liema laqgħa ser tinżamm fid-Domus nhar it-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2019.'*

8.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien qed jistenna l-Bill of Quantities tar-restawr taċ-ċimiterju biex ikun jista' jiġbor l-istimi u jmexxi mal-MIA.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa jekk setgħux isiru parking bays fi Triq Nerik Xerri.

8.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu li għandha ssir ordni biex isir dan ix-xogħol.

8.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-problemi li qed ikollna ma' Transport Malta meta jkollna talbiet tar-residenti għall-approvazzjoni.

8.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġett u ġie deċiż li kull meta jkun hemm talba mir-residenti, l-Kunsill għandu jitlob l-email ta' min jagħmel it-talba biex ikun jista' jiġi kkupjat fl-emails mibgħuta għall-approvazzjoni.

8.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar it-tindif tal–*area* Triq Ħal Safi ma' Triq Tal-Fieres.

8.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġett u ġie deċiż li tintalab l-għajnuna tal-Cleansing Department biex din l-area titnaddaf.

8.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li issa li kienet ġiet ordnata l-għamara tal-boardroom kien hemm bżonn li naraw li jiġu rranġati s-soqfa ta' dawn l-uffiċini biex naraw li ma jidħolx ilma u tinġieb kwotazzjoni biex isiru s-suffetti tal-boardroom u l-uffiċċju tas-Sindku.

8.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill iġib kwotazzjonijiet biex issir it-tiswija meħtieġa u kif ukoll biex isiru s-suffetti.

8.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa rigward il-bitħa tal-Kunsill. Hu ssuġġerixxa li tiġi rranġata l-art tal-bitħa u staqsa jekk il-grada setgħatx tiġi rranġata biex tkun aktar aċċessibbli.

8.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu. Huma talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem mal-Perit dwar il-grada biex minn naħa tiegħu jagħmel il-pjanti u l-applikazzjonijiet meħtieġa biex din id-daħla tiġi rranġata.

8.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea qal li Infrastracture Malta kienu waħħlu tabelli *No Access to Triq San Benedittu* fi Triq il-Parroċċa. Hu ssuġġerixxa li dawn it-tabelli jinqalgħu għax fir-realtà hemm qatt ma kien hemm aċċess għal Triq San Benedittu. Hu ssuġġerixxa wkoll li għandha tiżdied tabella No Entry f'Misraħ Ħal Kirkop k/m Triq San Benedittu.

8.4.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġett u qablu mal-Kunsillier Galea. Għaldaqstant ser isir ix-xogħol kif mitlub.

8.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa lis-Sindku dwar it-tender tad-drenaġġ ta' Triq ir-Ramlija.

8.4.7.1 Is-Sindku infurmah li dan it-tender kien ħareġ u kienu infurmat li kienu ntefgħu 5 offerti.

8.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar x'kien sar dwar l-*isleeping police* fi Triq il-Lewżiet u meta dawn kienu ser jiġu rranġati.

8.4.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbgħat email lill-kuntrattur fejn jiġi infurmat li jekk ix-xogħol mhux ser jiġi rranġat sa data stipulata, il-Kunsill mhux ser iħallas tax-xogħol li sar u ser iqabbad kuntrattur ieħor jirranġahom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

8.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar bus stop għall-karozza 201 fi Triq ir-Ramlija, faċċata ta' dak li sar.

8.4.9.1 Is-Sindku qal li dan il-bus stop kienet diġa saret talba għalih minn naħa tal-Kunsill u għaldaqstant talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *reminder*.

8.4.10 Il-Kunsillier John Luke Cassar talab biex l-*isketch* li kienet saret dwar l-*observation area* fi Triq l-Industrija tgħaddi għand il-Perit tal-Kunsill biex issir pjanta sewwa u tkun tista' tinġieb stima.

8.4.10.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-Kunsillier Cassar u ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel il-pjanti u l-BOQ meħtieġa għal dan ir-ristrutturar.

## 8.5 Rapport tal-Ilmenti

8.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 8.6 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità għas-sena 2019, liema minuti kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 8.7 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019

8.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2019. Dan ir-rapport ġie ppreżentat waqt il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li saret fil-25 ta' Novembru, 2019.

8.7.2 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2019 jiġi approvat, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 8.8 Approvazzjoni tal-Pjan ta' Hidma 2019 - 2024

8.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Pjan ta' Hidma tad-Disa' Leġislatura, għas-snin 2019 – 2024.

8.8.2 Is-Sindku Terence Agius qal li dan il-pjan ta' ħidma kien preparat fuq il-miri li għandu l-Kunsill għal matul din il-leġislatura.

8.8.3 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-Pjan ta' Hidma 2019 – 2024 jiġi approvat, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 8.9 Approvazzjoni tat-Tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku u Organiku

8.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-bord tal-evalwazzjoni kien ra t-tenders mitfugħa u kien ser ikun qed jevalwa din it-tender fuq is-sistema tal-*epps*.

8.9.2 Is-Sindku qal li minħabba x-xogħol li l-Kunsill kellu fuq l-attività tal-Milied, din it-tender kienet ser tiġi evalwata wara li jgħaddu l-festi.

8.9.3 Is-Sindku fakkar li kienu ġew mitfugħa żewġ offerti u t-tender ser tkun qed tiġi evalwata fuq iċ-*cheapest compliant*.

8.9.4 Is-Sindku talab lill-membri tal-bord biex wara l-festi jevalwaw dan it-tender biex ir-rapport jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 8.10 Attività tal-Milied – *'GIGANTIC – Kirkop's Local Christmas Market'*

8.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-attivita kienet suċċess kbir u kien hemm kliem ta' tifħir minn dawk kollha li attendew.

8.10.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-każini kienu kuntenti ħafna għax matul din l-attività kienu marru tajjeb ħafna.

8.10.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien daqsxejn iddiżżapuntat dwar id-dawl għax dan kellu jibqa' mixgħul sakemm żarmaw l-*istalls* u l-gabbani.

8.10.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li xtaq jirringrazzja pubblikament lill-Artist Clint Grech, lis-Sur Joseph Busuttil u lis-Sur Tony Demicoli, tal-għajnuna volontarja f'din l-attività, kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv Antonia Demicoli li ħadmet ħafna siegħat wara l-ħin bla ħlas. Apparti hekk il-Kunsillier Cassar irringrazzja wkoll lill-Paegant Group li b'mod volontarju ħadmu bi sħiħ biex seta' jittella' l-presepju ħaj, liema presepju kien professjonali ħafna.

8.10.5 Il-Kunsilliera preżenti ingħaqdu mal-Kunsillier Cassar u qablu li tingħata tifkira ta' ringrazzjament lil dawn il-persuni.

8.10.6 Il-Kunsilliera preżenti qablu wkoll li l-ispejjeż tal-ikel tal-ħaddiema u l-voluntiera waqt dawn l-attivitajiet għandhom jitħallsu mill-Kunsill.

## 8.11 Festin tal-Milied għall-Familji

8.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-preparamenti għall-Festin tal-Milied kienu mexjin ġmielhom.

8.11.2 Is-Sindku qal li l-Kunsillier John Luke Cassar kien għaddej bit-tħejjija għal din l-ikla li ser issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru, 2019 fil-17:00hrs fis-Sala tal-Kunsill.

## 8.12 Sistema biex il-laqgħat tal-Kunsill isiru *on-demand*

8.12.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li skont ir-riforma tal-Kunsilli Lokali s-sistema tal-live streaming tal-laqgħat tal-Kunsill kellha tiġi modifikata u ssir *on-demand*.

8.12.2 Is-Sindku kompla jgħid li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien qed jagħmel pressjoni biex il-Kunsilli Lokali jkunu konformi ma' din ir-riforma. Is-Sindku qal ukoll li wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni l-ispejjeż marbuta ma' din is-sistema u l-ispejjeż rikorrenti li din is-sistema ser iġġib magħha biex wieħed ikun jista' jżomm id-*data*.

8.12.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja. Fid-dawl li l-Kunsill qed jagħmel xogħol fuq boardroom ġdida għal-laqgħat, din il-materja ser tinżamm pendenti sakemm jibda dan ix-xogħol biex is-sistema tiġi inkorporata.

8.12.4 Kien hemm qbil unanimu dwar dan u għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lid-Dipartiment.

## 8.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

8.13.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 97 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

8.13.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 97 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 8.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

8.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

8.14.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:15hrs.

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 15 ta' Jannar, 2020

**Mozzjoni Ref:** 043/19/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 07.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Diċembru, 2019

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 044/19/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalità.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Diċembru, 2019

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 045/19/9

**Mozzjoni:**

Biex ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2019 jiġi approvat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Diċembru, 2019

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 046/19/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Pjan ta' Ħidma 2019 – 2024 jiġi approvat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Diċembru, 2019

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 047/19/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 97.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Diċembru, 2019

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**